



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2013
COM(2013) 623 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni

NAIADES II

{SWD(2013) 324 final}

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni

NAIADES II

1. INTRODUZZJONI

In-netwerk tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni Ewropea jinsab mifrux f'20 Stat Membru b'madwar 37 000 kilometri ta' passaġġi fuq l-ilma interni. Kull sena, dawn iġorru madwar 500 miljun tunnellata ta' merkanzija, partikolarment f'żoni popolati u ta' konġestjoni fil-Ġermanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fi Franza u fil-Belġju. Iż-żoni huma irrigati mix-xmajjar Renu, Scheldt, Meuse u Seine u huma konnessi max-xmara Danubju. Is-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni huwa żgħir f'termini relattivi iżda xorta waħda jagħti kontribut konsiderevoli ta' 140 biljun tunnellata kilometri lis-sistema tat-trasport tal-UE. Dan għandu rwol sinifikanti fit-twassil tal-oġġetti bejn il-portijiet l-aktar traffikużi tal-UE u l-art milħuqa mill-port. L-akbar portijiet tal-UE qatt ma kienu se żviluppaw f'ċentri loġistiċi effiċjenti ħafna kif inhuma llum mingħajr il-kontribut tan-navigazzjoni interna. Dawn il-portijiet jiddependu fuq in-navigazzjoni interna sabiex tonqos il-konġestjoni fl-artijiet interni tagħhom u biex jiżviluppaw aktar.

It-trasport tan-navigazzjoni interna huwa effiċjenti fl-enerġija u jikkontribwixxi għall-miri ta' ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, stabbiliti fil-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport tal-UE¹. Barra minn hekk, livelli baxxi ta' storbju wkoll jagħmluha konvenjenti għat-trasport tal-merkanzija fiż-żoni popolati ħafna minn fejn jgħaddi *in transitu* u li jisservisja. Madankollu, in-navigazzjoni interna għandha mnejn titef il-vantaġġ ambjentali komparattiv tagħha jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni biex ikompli jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, b'mod partikolari fid-dawl tal-progress li s-settur tat-trasport bit-triq qed jagħmel minħabba l-limiti stretti fuq l-emissjonijiet.

Il-programm ta' azzjoni NAIADES tal-Kummissjoni² adottat fl-2006 kellu l-għan li jsaħħaħ il-vantaġġi tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u jindirizza għadd ta' ostakli li jistgħu jfjixklu l-użu tal-potenzjal sħiħ tiegħu. Ħafna miżuri introdotti bil-programm NAIADES ġew implimentati bl-appoġġ tal-istrumenti ta' finanzjament bħat-TEN-T³, il-Marco Polo⁴, il-Leonardo da Vinci⁵, l-IPA⁶ u s-Seba' Programm Kwadru tar-Ricerka⁷. Miżuri addizzjonali, bħalma huma l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti, għadhom qed jiġu

¹ COM/2011/0144 finali

² Communication from the Commission on the promotion of inland waterway transport "NAIADES" - Integrated European Action Programme For Inland Waterway Transport (mhux disponibbli bil-Malti), COM(2006) 6 final

³ Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE

żviluppati mill-Kummissjoni, filwaqt li miżuri oħra, b'mod partikolari dawk marbuta mal-isforzi tal-armonizzazzjoni⁸, għadhom ma nbdewx.

L-evalwazzjoni tal-programm NAIADES attwali⁹ stabbilixxiet li NAIADES kellu effett sinifikanti ta' mobilizzazzjoni fl-Istati Membri u fost il-partijiet interessati. Madankollu, il-prospetti ekonomiċi u ambjentali għan-navigazzjoni interna komplew sejrjn għall-aġar u l-progress biex jinegħlbu l-ostakli infrastrutturali ewlenin kien limitat. Barra minn hekk, is-settur bħalissa għaddej minn żminijiet diffiċli u qed ibati minn kapaċità żejda f'ċerti segmenti u minn frammentazzjoni kontinwa tal-partiċipanti fis-suq, minbarra t-tnaqqis ġenerali tal-ekonomija tal-UE mill-2008 'l hawn.

Il-kapaċità żejda fis-settur tal-merkanzija b'tagħbija likwida, (liquid bulk) hija relatata mal-introduzzjoni tar-rekwiżit ta' buq doppju¹⁰. Dan wassal biex jiġu introdotti bastimenti b'buq doppju addizzjonali, mingħajr ma jitneħħew mis-suq il-bastimenti l-qodma b'buq wieħed. Il-kapaċità żejda hija mistennija li tonqos fl-2018 meta t-tankijiet b'buq wieħed ikunu tneħħew f'fazzijiet. Madanakollu, fis-segment tal-bastimenti tal-merkanzija b'tagħbija niexfa (dry bulk) kbar, investiment żejjed u l-kapaċità żejda li tirriżulta qed joħlqu kompetizzjoni ħarxa, b'effetti sekondarji f'segmenti tas-suq oħra, b'mod partikolari fis-suq ta' tagħbija iżgħar.

Bejn wieħed u ieħor 80% tal-flotta hija mħaddma minn operaturi-sidien li jaħdmu u jgħixu mal-familji tagħhom fuq il-bastimenti. Il-provvista tagħhom hija frammentata, li jagħmilha aktar diffiċli biex iwiegħbu għad-domanda, u dan qed idgħajjed il-pożizzjoni tagħhom vis-à-vis partiċipanti oħra fis-suq bħal burdnara jew trasportaturi marittimi kbar. Din il-pożizzjoni fraġli, flimkien mal-kapaċità żejda twassal għal kompetizzjoni ħarxa tal-prezzijiet, li tirriżulta f'kapaċità baxxa ta' qligħ, u b'hekk tfixkel il-ħila tas-settur li jinvesti mill-ġdid u li jinnova. Għalkemm l-attività fis-settur reġgħet irkuprat fl-2011, wara li kienet naqset b'mod sinifikanti fl-2009 u fl-2010, l-indikaturi għall-2012 jindikaw xejra 'l isfel għal darb'oħra għal ċerti partijiet tas-suq. Għadd dejjem jikber ta' operaturi daħlu f'arranġamenti mal-banek tagħhom biex jipposponu l-pagament tal-imgħax dovut¹¹.

Minn perspettiva aktar fit-tul, huwa ċar li s-settur esperjenza tnaqqis fit-tul iżda kostanti fis-sehem modali meta mqabbel mat-trasport bit-triq. Il-qagħda ekonomika attwali diffiċli se tiegħu ż-żmien biex titreġġa' lura. Madankollu hemm ukoll punti pożittivi. Pereżempju, il-volum ta' attività fil-portijiet marittimi għal darb'oħra kien qed jikber b'mod kostanti mill-2009, u teknoloġiji ġodda bħalma huma l-użu ta' fjuwils alternattivi jistgħu jbaxxu l-ispejjeż operattivi u joffru opportunitajiet ġodda tas-suq. Is-settur huwa f'pożizzjoni tajba biex jieħu vantaġġ minn dawn l-iżviluppi.

Minħabba l-opportunitajiet u l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur, il-Kummissjoni ddeċidiet li taġġorna u ġġedded il-programm NAIADES sal-2020, u li tallinjah mal-White Paper dwar it-Trasport. Il-programm NAIADES II jiffoka fuq bidliet strutturali fit-tul għas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, biex jippermetti li dan jikkontribwixxi bis-sħiħ għall-istrategġija Ewropa 2020, li timmira lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Biex dan isefh,

⁸ L-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tal-ekwipaġġ u tad-dokumentazzjoni, ir-responsabbiltà u l-unitajiet tat-tagħbija intermodali, (intermodal loading units/ILU)

⁹ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "Towards NAIADES II". Promoting, greening and integrating inland waterway transport in the single EU transport area (mhux disponibbli bil-Malti), SWD(2012) 168 final

¹⁰ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, li tirreferi għall-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (International Carriage of Dangerous Goods by Inland Waterways/AND)

¹¹ <http://ec.europa.eu/transport/modes/inland/studies/doc/2013-06-03-contribution-to-impact-assessment-of-measures-for-reducing-emissions-of-inland-navigation.pdf>

għandha tiġi mtejbja l-kwalità tal-kondizzjonijiet operattivi tas-settur, inkluż l-infrastruttura, il-prestazzjoni ambjentali, is-swieq u l-innovazzjoni, l-impjegi u l-ħiliet u l-integrazzjoni fil-katina loġistika. L-Istati Membri tal-UE, l-awtoritajiet reġjonali, il-Kummissjonijiet tax-Xmajjar¹², organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, u s-settur innifsu lkoll għandhom rwol f'dan.

Is-settur jopera fis-swieq liberalizzati fejn il-possibiltajiet għall-intervent pubbliku huma limitati. Fil-fatt, intervent pubbliku aħrax jista' jinterferixxi b'mod negattiv fid-deċizzjonijiet kummerċjali u futuri tal-parteċipanti fis-suq u fl-effetti ta' ristrutturar tal-forzi tas-suq. Il-Kummissjoni hija konxja tad-diffikultajiet li partijiet mill-industrija tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni qed tiffaċċja, minħabba l-kriżi ekonomika. Sabiex tiġi ttrattata din il-qagħda ekonomika attwalment diffiċli, il-Kummissjoni hija impenjata, flimkien mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-settur u mal-Istati Membri konċernati, f'diskussjonijiet dwar miżuri adegwati sabiex din il-qagħda tiġi ssuperata. Dawn il-miżuri jeħtieġ li jkunu adegwati, effettivi u skont ir-regoli applikabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq azzjonijiet fuq perjodu ta' żmien qasir b'konsistenza mal-prinċipji tas-swieq liberalizzati. Pereżempju, se teżamina mill-ġdid ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti biex tivverifika li ntlaħaq bilanċ tajjeb bejn ir-riskju għas-sikurezza u l-ispejjeż tal-konformità meta d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni ġew stabbiliti. Barra minn hekk, se tteġġeg l-użu bikri tal-użu ta' gass naturali likwidu (Liquid Natural Gas/LNG) bħala fjuwil alternattiv, li għandu potenzjali sinifikanti ta' ffrankar tal-ispejjeż fuq perjodu ta' żmien twil, u se tiffaċilita azzjonijiet tas-settur biex titnaqqas il-frammentazzjoni fost il-parteċipanti fis-suq.

Il-Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-programm NAIADES II hija akkumpanjata minn żewġ miżuri, li jirrappreżentaw l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni:

- Proposta leġislattiva għal Direttiva li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Proposta leġislattiva li temenda r-Regolament tal-Kunsill Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

2. L-GĦAN TA' NAIADES II

L-għan ta' NAIADES II huwa li jinħolqu l-kondizzjonijiet għat-trasport bin-navigazzjoni interna biex dan isir **modalità ta' trasport ta' kwalità**: irregolat b'mod tajjeb, effiċjenti, sikur, integrat fil-katina intermodali, b'impjegi ta' kwalità okkupati minn ħaddiema tas-sengħa, u li jaderixxi ma' standards ambjentali għolja.

Jekk is-settur isegwi l-kwalità filwaqt li jibqa' kosteffikaċi, dan għandu jkun kapaċi jōhroġ miċ-ċirku vizzjuż tal-kapaċità baxxa għall-qligħ, tan-nuqqas ta' investment, tan-nuqqas ta' innovazzjoni u ta' swieq mxekkla. Jeħtieġ li l-kwalità tiġi segwita sabiex jinkisbu l-miri stabbiliti fil-White Paper dwar it-Trasport tal-UE billi t-trasport tal-merkanzija jiġi ttrasferit għat-trasport bil-ferrovija u għat-trasport fuq l-ilma u billi jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

¹² Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, il-Kummissjoni tad-Danubju, il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċin tax-Xmara u l-Kummissjoni tal-Moselle.

3. IL-PROGRAMM TA' AZZJONI NAIADES 2014-2020: IL-KWALITÀ PERMEZZ TA' OQSMA EWLENIN TA' INTERVENT

• *Infrastruttura ta' kwalità*

L-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-UE hija interkonnessa u integrata ma' modalitajiet oħra tat-trasport b'mod insuffiċjenti. Il-passaġġi fuq l-ilma interni f'ħafna każijiet mhumiex konnessi ma' ċentri tal-loġistika. Konġestjonijiet sinifikanti fil-forma ta' mgħalaq, pontijiet jew kanali navigabbli ta' dimensjoni inadegwata u konnessjonijiet neqsin bħall-konnessjoni bejn is-sistemi tax-xmajjar Seine u Scheldt qed ifixklu l-potenzjal tal-iżvilupp sħiħ tas-settur. Bi tweġiba għal dan, il-proposta tal-linji gwida tat-TEN-T¹³ tiffoka l-prijoritajiet tagħha għall-passaġġi fuq l-ilma interni fuq is-soluzzjoni għal dawn il-konnessjonijiet neqsin, sabiex jitneħħew l-ostakli importanti, tiddaħħal teknoloġija innovattiva, jittejbu l-konnessjonijiet intermodali u tiġi żviluppata infrastruttura intelliġenti. Il-portijiet marittimi interni se jingħataw attenzjoni partikolari: netwerk b'dimensjoni adegwata ta' portijiet tan-netwerk ewlieni b'aċċess u b'faċilitajiet faċli għall-passaġġi fuq l-ilma hija precondizzjoni biex jiżdied is-sehem tas-settur tat-trasport. Il-Kummissjoni tħeġġeġ is-settur tal-portijiet biex isaħħaħ il-kooperazzjoni u jikkoordina l-investment bejn il-kurituri u biex jeżamina u jipromwovi skambji tal-aħjar Prattika dwar id-disinn u l-operazzjonijiet fil-portijiet li huma adattati għall-passaġġi fuq l-ilma interni.

Barra minn hekk, il-passaġġi fuq l-ilma interni huma komponent importanti ta' sitta mid-disa' kurituri tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T¹⁴. L-aspetti speċifiċi skont is-settur se jiġu ttrattati b'mod koerenti fil-kurituri kollha sabiex l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-kurituri tat-TEN-T jiġu ffaċilitati mill-perspettiva tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

Wara l-pubblikazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Towards NAIADES II", ir-rappreżentanti tas-settur, fuq bażi volontarja, ħejjew ħarsa ġenerali parzjali tal-abbozz tal-proġetti infrastrutturali għall-qafas finanzjarju tal-2014-2020. Dan għandu jkun lest, issupplementat b'informazzjoni dwar l-istatus, il-maturità u l-ippjanar tal-proġetti, u jinżamm aġġornat b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kurituri tat-TEN-T.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

L-integrazzjoni tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-kurituri multimodali:

- 2013: It-tnedija tal-implimentazzjoni tal-kurituri permezz tal-Komunikazzjoni dwar il-Kurituri tat-TEN-T, soġġetta għall-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-linji gwida tat-TEN-T, inkluża l-gwida dwar l-integrazzjoni ta' modalitajiet differenti tat-trasport, flimkien mal-passaġġi fuq l-ilma interni, fil-kurituri multimodali tat-TEN-T (l-attur prinċipali: il-Kummissjoni)
- 2014-2015: L-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma dwar il-kurituri multimodali u s-segwiment bl-implimentazzjoni tal-kurituri (li għandha ssir minn partijiet interessati ewlenin, inklużi l-portijiet marittimi u interni, il-maniġers tal-infrastruttura tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, il-Kummissjonijiet tax-Xmajjar, ir-rappreżentanti tal-operaturi tal-bastimenti, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-komunità tal-utenti tat-trasport, taħt l-awspiċi ta' koordinaturi Ewropej¹⁵ li jaħdmu mill-qrib mal-Istati Membri u f'konsultazzjoni mal-pjattaformi tal-kurituri li jridu

¹³ COM/2011/0650 finali

¹⁴ Il-Kurituri tal-Baħar tat-Tramuntana – il-Baħar Baltiku, il-Kurituri Mediterran, il-Kurituri Orjentali/tal-Mediterran tal-Lvant, il-Kurituri tar-Renu-Alpin, il-Kurituri tal-Baħar tat-Tramuntana – il-Mediterran u l-Kurituri tar-Renu – Danubju

¹⁵ Maħtura mill-Kummissjoni skont ir-Regolament tat-TEN-T

jitwaqqfu)

Id-direzzjoni għall-2017-2020

L-implimentazzjoni sħiħa tal-kurituri tat-TEN-T, u fejn meħtieġ it-tiżiħ tal-għodod u l-proċessi għall-integrazzjoni tan-navigazzjoni interna fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T fir-rigward tal-forniment tad-dejta jew tal-kapaċitajiet analitiċi

Iż-żieda tal-azzjoni u tal-investimenti biex jingħelbu l-ostakli ewlenin tal-infrastruttura fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (l-Istati Membri bl-appoġġ tal-UE)

• *Il-kwalità permezz tal-innovazzjoni:*

Ir-rata ta' innovazzjoni fis-settur hija baxxa meta mqabbla ma' modalitajiet oħra tat-trasport. It-tul tal-ħajja tat-tagħmir¹⁶, il-frammentazzjoni tas-suq, in-nuqqas ta' kultura ta' innovazzjoni u d-dgħufija fil-qagħda finanzjarja tal-operaturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni huma kollha fatturi li jikkontribwixxu għal dan.

L-innovazzjoni ma tistax tiġi "imposta" minn barra. Il-programm NAIADES II jistieden lis-settur biex ikun aktar involut fl-inizjattivi tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni (research, development and innovation/RDI). Is-settur jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jiġi żviluppat **pjan direzzjonali għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni**. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' prijoritajiet, il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom u l-ippjanar għall-adozzjoni tagħhom fis-suq. Dan il-proċess għandu jinkludi l-operaturi, l-industrija tal-bini ta' bastimenti, il-manifatturi tat-tagħmir, u l-awtoritajiet tal-portijiet marittimi u interni, l-operaturi tat-terminali, il-burdnara u l-integraturi loġistiċi. Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għall-ekoloġizzazzjoni tal-flotot għandhom ikunu prijorità fuq l-aġenda. Teknoloġiji ta' ċertifikazzjoni jistgħu wkoll jiffaċilitaw aħjar l-adozzjoni mis-suq u jgħinu jipprijoritizzaw l-ġoti ta' inċentivi tas-suq. Il-Kummissjoni hija mħeġġa li tiffaċilita dan il-proċess, iżda s-settur għandu jkun fuq ta' quddiem sabiex jinholq atteġġament responsabbli u tkun żgurata l-implimentazzjoni sussegwenti. Is-settur huwa msejjaħ biex isaħħaħ il-koordinazzjoni għal dan il-għan permezz tal-organizzazzjonijiet settorjali Ewropej tiegħu. Il-pjan direzzjonali żviluppat mis-settur għandu jgħin biex jiġu identifikati l-prijoritajiet Ewropej, nazzjonali u privati tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-appoġġ tal-UE għandu jiffoka fuq il-prijoritajiet tal-pjan direzzjonali li jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' NAIADES II.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

2014: It-tnejn ta' pjan direzzjonali għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni fis-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (is-settur: dan jinkludi l-operaturi tal-bastimenti, l-industrija tal-bini ta' bastimenti, il-manifatturi tat-tagħmir, u il-fornituri tas-servizzi tad-dejta, il-fornituri tas-servizzi loġistiċi, l-operaturi tat-terminals, l-awtoritajiet tal-portijiet, il-burdnara, l-awtoritajiet tal-passaġġi fuq l-ilma, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema)

2014: L-organizzazzjoni ta' servizzi ta' osservazzjoni tas-suq, inkluż il-forniment ta' dejta dwar it-traffiku u l-volumi tat-trasport, ix-xift modali għan-navigazzjoni interna, il-provvista u d-domanda u s-swieq tax-xogħol, l-adozzjoni tal-innovazzjoni u l-integrazzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma fil-ktajjen loġistiċi multimodali (il-Kummissjoni)

¹⁶ Pereżempju, l-età medja ta' bastiment fuq ir-Renu hija ta' 50 jew 35 sena għal bastiment tal-merkanzija b'tagħbija niexfa jew likwida rispettivament (sors <http://ec.europa.eu/transport/modes/inland/studies/doc/2013-06-03-contribution-to-impact-assessment-of-measures-for-reducing-emissions-of-inland-navigation.pdf>)

Id-direzzjoni għall-2017-2020

L-eżami fuq bażi regolari tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur, l-iffokar fuq l-adozzjoni fis-suq u l-implimentazzjoni tal-innovazzjoni (is-settur)

- ***Il-funzjonament bla xkiel tas-suq***

Is-suq tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni huwa liberalizzat għalkollox. Madankollu, ċerti regoli għadhom stabbiliti fil-livell reġjonali jew f'dak tal-Istat Membru, pereżempju fir-rigward tal-ekwipaġġ tal-bastimenti jew tal-ħin tax-xogħol tal-ekwipaġġ. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni f'dawn l-oqsma jista' jirrappreżenta ostakli għall-funzjonament tas-suq intern.

Problemi bħan-nuqqas ta' internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni, in-nuqqas ta' monitoraġġ jew in-nuqqas ta' kondizzjonijiet indaqs jistgħu jiġġustifikaw jew saħansitra jeħtieġu azzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi. L-azzjoni tal-Kummissjoni se tinkludi: l-analiżi tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward ir-rekwiżiti tekniċi ta' bastimenti, it-tkomplija tal-analiżi tal-iżviluppi fis-suq għat-tfassil tal-politika. Min-naħa l-oħra, il-frammentazzjoni tas-suq u l-problemi assoċjati mal-ibbilanċjar bejn il-provvista u d-domanda jeħtieġ li jiġu indirizzati primarjament mill-parteċipanti tas-suq. Madankollu l-Kummissjoni se tappoġġja dan il-proċess billi tappoġġja aktar armonizzazzjoni u billi tiffaċilita l-inizjattivi tas-settur intenzjonati biex inaqqsu l-frammentazzjoni fuq in-naħa tal-provvista tas-suq tal-passaġġi fuq l-ilma interni u jrawmu s-sinerġija bejn l-atturi fis-suq.

L-inventarju tal-Kummissjoni ta' miżuri sabiex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni tat-trasport¹⁷ jipprovdi l-bażi ta' tagħrif meħtieġ għal konsultazzjoni futura dwar rikors għal tariffi fuq l-infrastruttura bħala mod kif jistgħu jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-portijiet interni mhumiex koperti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-portijiet¹⁸ u mill-proposta għal Regolament fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet¹⁹. Filwaqt li l-portijiet huma l-biben ewlenin għad-dħul u għall-ħruġ tal-oġġetti u/jew iċ-ċentri tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, il-portijiet interni jwettqu funzjonijiet aktar simili għal terminals multimodali u jħabbtu wiċċhom ma' limitazzjonijiet differenti. Il-Kummissjoni se tikkonsulta ma' dan is-settur u teżamina l-ħtieġa dwar kwalunkwe regola li se tgħin il-portijiet interni.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

2014: F'konformità mal-progress f'modalitajiet oħra tat-trasport, tinbeda konsultazzjoni dwar l-użu ta' tariffi infrastrutturali biex jgħinu biex tintlaħaq l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (il-Kummissjoni)

2014: L-eżami ta' ċerti rekwiżiti tekniċi għal bastimenti fir-rigward tal-ispejjeż u l-aspetti tas-sikurezza (il-Kummissjoni)

2016: L-evalwazzjoni tal-ostakli għall-iżvilupp aktar ta' portijiet interni u l-ħtieġa għal qafas leġislattiv sabiex dawn jiġu indirizzati (il-Kummissjoni)

¹⁷ <http://ec.europa.eu/transport/themes/sustainable/studies/sustainable.en.htm>

¹⁸ COM(2013) 295 finali

¹⁹ COM(2013) 296 finali

Id-direzzjoni għall-2017-2020

L-eżami tal-alternattivi għall-użu ta' tariffi infrastrutturali biex jgħinu sabiex tintlaħaq l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (il-Kummissjoni)

- ***Il-kwalità ambjentali permezz ta' emissjonijiet baxxi***

Meta mqabbel ma' modalitajiet tat-trasport oħrajn fuq l-art, it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni huwa effiċjenti fl-enerġija, sikur u silenzzjuż, u kważi mingħajr l-ebda konġestjoni. Madankollu, il-progress fit-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu l-arja ma laħaqx il-livell ta' din ix-xejra altrimenti favorevoli. Limiti tal-emissjonijiet inqas stretti għan-navigazzjoni interna u l-lonġevità tal-magni huma l-kawżi prinċipali ta' dan in-nuqqas.

Il-limiti tal-emissjonijiet għall-magni tal-bastimenti huma stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE. Il-limiti għal magni ġodda u eżistenti huma stabbiliti rispettivament fid-Direttivi 97/68/KE²⁰ u 2006/87/KE²¹. Meta wieħed iqabbel id-diversi livelli ta' ambizzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' limiti tal-emissjonijiet, mid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjahom jidher li ż-żewġ approċċi b'livelli differenti ta' ambizzjoni għandhom proporzjonijiet simili ta' kostbenefiċċji. Approċċ aktar ambizzjuż ta' "innovazzjoni" li jkopri kemm il-magni eżistenti kif ukoll dawk ġodda jeħtieġ aktar investiment inizjali f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi iżda jista' jikseb iffrankar sinifikanti fl-ispejjeż tul il-perjodu ta' ħajja tal-investiment u jippermetti li jinkisbu limiti fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu ekwivalenti għal-livell tat-trasport bit-triq. Approċċ aktar "konservattiv" li jkopri magni ġodda biss, jeħtieġ inqas investiment inizjali iżda ma jippermettix lin-navigazzjoni interna tlaħħaq mat-trasport bit-triq fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

L-approċċ li għandu jiġi adottat fuq il-limiti tal-emissjonijiet għandu jkun strettament newtrali mill-perspettiva tat-teknoloġija tal-magna u tal-għażla tal-fjuwil. Minħabba dan, huwa preżunt li t-teknoloġija bl-aqwa karatteristiċi ta' kostbenefiċċji għandha tirbaħ. Pereżempju, fuq il-bażi tal-istat attwali tat-teknoloġija, bastimenti bil-fjuwil tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) għandhom jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli biex jinkisbu l-limiti tal-emissjonijiet għall-approċċ aktar ambizzjuż. Madankollu, l-użu tal-LNG mis-settur attwalment huwa mfixkel minn ostakli regolatorji, finanzjarji, tekniċi u infrastrutturali. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jingħelbu dawn l-ostakli, sabiex l-LNG jkun jista' jintuża sa mhux aktar tard mill-2016. L-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi kif stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar l-Enerġija Nadifa għat-Trasport²² se jkollha rwol ewlieni f'dan flimkien ma' azzjoni regolatorja li tippermettu l-użu u t-trasportazzjoni tal-LNG. Barra minn hekk, dan il-pakkett jinkludi wkoll proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni²³ biex jiġu mobilizzati r-riżorsi finanzjarji tiegħu fost l-oħrajn, favur miżuri ambjentali.

Meta jiġu ddefiniti limiti ġodda tal-emissjonijiet għall-magni tal-IWT, jista' jkun meħtieġ li ssir distinzjoni bejn bastimenti żgħar u kbar u bejn magni eżistenti u magni ġodda minħabba l-limitazzjonijiet teknoloġiċi u ekonomiċi li jiffaċċjaw il-magni eżistenti u l-bastimenti żgħar. Il-Kummissjoni hija wkoll konxja li għandu jitħalla jgħaddi biżżejjed żmien biex is-settur jadatta għal-limiti tal-emissjonijiet aktar ambizzjużi.

²⁰ ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1-86

²¹ ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1-260

²² COM(2013) 17 finali

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999

Id-deċiżjoni finali dwar il-proposta għal miżuri leġiżlattivi, l-istrettezza u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' tali miżuri possibbli fuq il-limiti tal-emissjonijiet se ssir fil-qafas tal-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-impatt sussegwenti għall-proposti leġiżlattivi rilevanti. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż, dwar il-limiti tal-emissjonijiet għan-navigazzjoni interna jikkontribwixxi għal dan il-proċess.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

Il-qafas regolatorju

2014: L-adozzjoni ta' proposta dwar il-limiti tal-emissjonijiet għal magni ġodda (il-Kummissjoni)

2015/16: L-esplorar ta' limiti tal-emissjonijiet addizzjonali għall-magni eżistenti (il-Kummissjoni)

2014: L-emendar tar-regoli²⁴ biex jippermetti t-trasport tal-LNG (l-UN-ECE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni)

L-infrastruttura tlesta biex l-LNG ikun jista' jintuża

2014: L-adozzjoni tal-istrateġija tal-UE tal-fjuwils alternattivi, inkluża l-adozzjoni ta' standards tekniċi għal-"LNG bunkering" fuq passaġġi fuq l-ilma interni u l-użu tal-LNG bħala fjuwil (l-Istati Membri u settur, b' mod partikolari l-portijiet, l-awtoritajiet tal-passaġġi fuq l-ilma, l-operaturi tal-istazzjon tal-"bunker", il-fornituri tal-"bunker", l-operaturi tal-bastimenti, is-soċjetajiet tal-klassifikazzjoni, il-Kummissjonijiet tax-Xmajjar)

Inċentivi finanzjarji

2014: Jiġi żgurat appoġġ finanzjarju mill-programmi tal-UE²⁵, mill-programmi nazzjonali u mill-fond ta' riżerva tas-settur biex jappoġġja l-investment fit-tnaqqis tal-emissjonijiet (parti mill-pakkett ta' NAIADES II) (il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-settur)

• ***Forza tax-xogħol b'ħiliet u impjegi ta' kwalità***

Għadhom jeżistu wisq ostakli għall-aċċess għall-professjoni u għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-ħaddiema tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-proċeduri ta' provi għall-esperjenza u l-kwalifiki huma ta' piż u/jew faċli li wieħed jevitahom. Il-qafas legali frammentat li jirregola l-ħiliet u l-kwalifiki f'dan is-settur jeħtieġ li jiġi rivedut. Bħalissa l-Kummissjoni qed tirrevedi d-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-kisba taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità, bl-għan li timmodernizza u tissimplifika l-qafas regolatorju għall-kwalifiki professjonali tal-ħaddiema.

L-isforz tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kaptani fil-qafas ta' NAIADES I ffoka fuq ir-rikonoxximent ta' ċertifikati għall-kaptani tal-bastimenti biss u ma setax juru impatti ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Ir-reviżjoni li għaddejja bħalissa għandha kamp ta' applikazzjoni usa', li jkopri l-ħafna aspetti ta' kwalifiki professjonali għall-membri kollha tal-ekwipaġġ. Fil-fatt, il-ħolqien ta' qafas konsistenti għar-regolazzjoni tal-kwalifiki bl-użu ta' għodod moderni huwa mistenni li jtejjeb il-kwalità u jnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż. Il-qafas usa' dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali stabbilit bid-Direttiva 2005/36/KE²⁶ iservi l-aktar l-għan ta' ftuħ tas-suq, filwaqt li għall-professjonijiet tat-trasport

²⁴ stabbilit fil-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni

²⁵ Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM/2011/0665 finali) u Orizzont 2020 (COM (2011) 809 finali)

²⁶ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22–142

ma għandux jiġi kkunsidrat biss l-aċċess għas-suq, iżda wkoll l-aspett tas-sikurezza. Għalhekk il-leġislazzjoni settorjali separata simili għad-Direttiva 96/50/KE hija l-aktar mod xieraq biex tiġi indirizzata l-problema. Id-djalogu soċjali huwa wieħed mill-għodod li jistgħu jtejjbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-impjiegi. Wara l-iffirmar ta' Ftehim Ewropew dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-15 ta' Frar 2012, is-sħab soċjali Ewropej talbu li l-Kummissjoni taħdem lejn il-ftehim li qed jiġi implimentat permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE. Il-Kummissjoni bħalissa qed tivvaluta l-ftehim.

Il-qafas il-ġdid ippreżentat fil-qafas tan-NAIADES II għandu l-għan li jnaqqas b'mod sinifikanti l-ostakli għall-aċċess u l-mobilità tax-xogħol, jivvalorizza l-kwalifiki u l-karrieri fis-settur, u joħloq kondizzjonijiet indaqs. Dan jikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' strumenti elettroniċi għar-reġistrazzjoni u s-sorveljanza tal-ħin tat-tbaħħir tal-bastiment u tal-ekwipaġġ u jestendi l-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid għar-regolazzjoni (stabbilit fil-Kapitolu 5 hawn taħt) tal-impjiegi u tal-ħiliet.

Billi tirrikonoxxi d-diffikultà fl-organizzazzjoni ta' taħriġ vokazzjonali għall-ħaddiema tan-navigazzjoni interna, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jużaw il-Fond Soċjali Ewropew għat-taħriġ tal-ħaddiema tan-navigazzjoni interna, u b'mod partikolari biex jiskambjaw l-aqwa prattiki u kwalifiki fil-qasam tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-loġistika teiġu u biex jistimolaw l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u ta' ħiliet intraprenditorjali.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

2013/2014: Eżami tal-qafas dwar l-armonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' kwalifiki professjonali fis-settur, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' inizjattiva possibbli dwar apparat għar-reġistrazzjoni tal-ħin/tal-esperjenza tal-ekwipaġġ u tal-bastiment li qed ibaħħar (il-Kummissjoni)

2014: L-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali u ta' ħiliet fl-użu ta' teknoloġiji innovattivi fis-settur (l-Istati Membri u s-settur, possibbilment bl-appoġġ finanzjarju tal-UE)

Id-direzzjoni għall-2017-20

Tlestija tal-qafas għall-kwalifiki professjonali permezz tal-elaborazzjoni ta' standards tekniċi

• L-integrazzjoni tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-katina tal-loġistika multimodali:

L-integrazzjoni ta' din il-modalità ta' trasport fil-katina tal-loġistika multimodali teħtieġ li jiġu integrati infrastruttura, servizzi u flussi ta' informazzjoni:

- L-integrazzjoni tal-infrastruttura hija segwita skont l-ewwel qasam ta' azzjoni dwar l-infrastruttura deskritta hawn fuq.
- L-integrazzjoni tas-servizzi teħtieġ l-ewwel nett li jkun hemm approċċ iktar proattiv mis-settur. L-identifikazzjoni u t-tixrid tal-aqwa prattiki jistgħu jgħinu. Fejn xieraq, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jallokaw jew jagħmlu disponibbli permezz tal-ippjanar tal-użu tal-art, art biżżejjed tul ix-xmajjar b'appoġġ tal-attivitajiet loġistiċi bbażati fuq it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. L-ibliet għandhom iqisu b'mod sħiħ it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma ta' merkanzija u skart fil-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli tagħhom u fl-istrateġiji dwar il-loġistika tal-belt.

F'dak li għandu x'jaqşam mal-integrazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni, il-Kummissjoni bdiet evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/44/KE dwar is-servizzi armonizzati ta'

informazzjoni tax-xmajjar (RIS). Is-servizzi tar-RIS bħalissa fil-biċċa l-kbira jintużaw għall-ġestjoni tat-traffiku, għall-ġestjoni tal-infrastruttura jew għas-sikurezza. L-iskambju tad-dejta li qed iseħħ bħalissa jista' jitwessa' u jiġi integrat mal-flussi ta' informazzjoni ta' modalitajiet oħra tat-trasport, waqt li jittieħed inkonsiderazzjoni l-kunċett tal-merkanzija-elettronika²⁷. Kif previst f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tqis il-progress fl-adozzjoni tal-RIS, tidentifika orjentazzjonijiet oħra ta' żvilupp u teżamina kif tista' tiffaċilita l-adattament tal-istandards tekniċi għall-progress tekniku b'mod dinamiku. Il-proċess se jiġi mmonitorjat mill-pjattaforma tal-RIS Konġunt.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

2014: L-eżami u l-identifikazzjoni ta' orjentazzjonijiet futuri għas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) (il-Kummissjoni)

2015: L-identifikazzjoni, it-tixrid u l-adozzjoni tal-aħjar Prattika dwar l-integrazzjoni tas-servizzi tat-trasport bil-passaġġ fuq l-ilma interni f'katini loġistiċi multimodali (settur, possibbilment bl-appoġġ finanzjarju tal-UE)

Id-direzzjoni għall-2017-20

L-integrazzjoni tas-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS), id-dejta ta' osservazzjoni tas-suq tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-għodod tal-kurituri tat-TEN-T li jappoġġjaw il-governanza tat-trasport multimodali integrat.

4. RESPONSABBILTAJET DIFFERENZJATI FL-OQSMA TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-kwalità fis-settur tista' tintlaħaq biss permezz ta' azzjoni koordinata mis-settur u mill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-Istati Membri, fil-livell Ewropew u dak internazzjonali. Ir-responsabbiltajiet differenzjati jistgħu jiġu identifikati għall-oqsma li ġejjin:

- ***Infrastruttura ta' kwalità li tkun affidabbli, ikkonnettjata b'mod tajjeb u li tiżgura status tan-navigazzjoni tajjeb: responsabbiltà fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri***

L-awtoritajiet pubbliċi diġà jinvestu riżorsi sostanzjali għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Fil-livell tal-UE, l-azzjonijiet jiffokaw fuq in-netwerk ewlieni tat-TEN-T u se jissaħħu bl-implimentazzjoni tal-kurituri multimodali tat-TEN-T.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u jinvestu fi proġetti b'valur miżjud għoli tal-UE, u biex ikomplu jżviluppaw u jżommu l-istatus tagħhom ta' navigazzjoni tajba fn-netwerks tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

- ***Qafas regolatorju ta' kwalità li johlq kondizzjonijiet indaqs: responsabbiltà fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri***

Aktar minn 75% tan-navigazzjoni interna tal-UE jikkonsisti mit-trasport transfruntiera. Jinħtieġu regoli armonizzati fl-UE kollha biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tas-suq intern. Madankollu, ir-regoli żviluppaw f'diversi korpi internazzjonali fuq perjodu ta' żmien twil. Għalkemm is-sikurezza tal-flotot baqgħet għolja, strutturi kumplessi, għamluha diffiċli biex jiġu adattati r-regoli mal-progress teknoloġiku, u dan johlq ostakli għall-innovazzjoni. Minkejja l-progress li sar bil-programm NAIADES I, ċerti oqsma għadhom mhumiex armonizzati. Dan jagħmilha aktar diffiċli biex ir-regoli jiġu osservati u infurzati. Barra minn hekk, dan jippermetti ċerti operaturi biex ibaxxu l-bażi tal-kostijiet tagħhom, billi jżidu il-kompetizzjoni fil-prezzijiet u jnaqqsu l-kapaċità tal-qligħ kumplessiva tas-settur .

²⁷ Azzjoni 7 tal-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport tal-UE

Il-Kummissjoni beħsiebha ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali, timmodernizza u tissimplifika l-qafas regolatorju għat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u tiffaċilita l-infurzar.

- ***Il-kwalità permezz tal-innovazzjoni: approċċ inklużiv għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni u għall-adozzjoni tal-innovazzjoni: ir-responsabbiltà fil-livell settorjali***

Bil-programm NAIADES I, il-korpi u l-istituti tar-riċerka identifikaw il-ħtiġijiet tar-riċerka, iżda ma kienx hemm biżżejjed riċerka li wasslet għall-innovazzjoni fis-suq. NAIADES II jistieden lill-industrija u lill-parteċipanti fis-suq sabiex jinvolvu ruħhom direttament u b'mod proattiv fil-prjoritizzazzjoni, fl-ippjanar u fl-adozzjoni fis-suq tal-RDI.

- ***Il-kisba tal-kwalità fis-suq permezz tat-trasparenza u tal-kompetizzjoni ġusta: ir-responsabbiltà fil-livell settorjali***

Inizjattivi tas-settur privat jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-funzjonament bla xkiel tas-suq tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni: Twaqqfu swieq elettroniċi biex jibbilanċjaw il-provvista mad-domanda u dawn jistgħu jżidu t-trasparenza fis-suq. Is-sinerġiji bejn parteċipanti żgħar jistgħu jiġu segwiti, pereżempju permezz ta' xiri konġunt, ta' azzjonijiet konġunti tal-innovazzjoni jew ta' konsolidazzjoni msaħħa. Il-kooperazzjoni ma' modalitajiet oħra tat-trasport tista' tiġi mtejba, sabiex it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-ktajjen loġistiċi multimodali jiġi integrat aħjar. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ħafna iktar qsim u skambji ta' informazzjoni bejn l-atturi kollha tal-ktajjen tal-loġistika, li għandu jagħmel is-suq aktar trasparenti u integrat.

5. IL-KWALITÀ TAL-GOVERNANZA

Bin-NAIADES II, se jiddaħħal approċċ ġdid għall-governanza li jindirizza l-irkib tal-oqfsa legali u tal-kompetenzi fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinvolvi miżuri istituzzjonali u leġislativi u se jieħu inkonsiderazzjoni d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, li jipprevedi regoli ġodda dwar setgħat ta' delega u ta' implimentazzjoni u dwar il-koordinazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-adozzjoni ta' atti b'effett legali f'korpi internazzjonali.

L-approċċ huwa appoġġjat minn arranġament amministrattiv bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Segretarjat tas-CCNR li ġie ffirmat fit-22 ta' Mejju 2013 u li jipprovi għal kooperazzjoni aktar immirata meta mqabbla mal-ftehim amministrattiv ġenerali fis-seħħ mill-2003. Skont l-approċċ il-ġdid, standards uniformi se jissostitwixxu fi stadji, is-settijiet differenti ta' standards miżmuma skont id-diversi reġimi legali li joperaw skont ir-regoli u l-proċeduri tagħhom stess. Il-proċess se jibda bir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u se jiġi estiż, fit-tieni fażi, għal ċerti oqfsa oħra, bħal kwalifiki professjonali.

L-ewwel nett, l-oqfsa eżistenti jeħtieġu li jiġu adattati biex jippermettu l-promulgazzjoni tal-istess standards uniformi fil-liġi. Dan huwa s-suġġett tal-proposta leġislativa għal Direttiva li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE.

Bħala t-tieni pass, l-arranġament amministrattiv bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Segretarjat tas-CCNR jipprevedi t-fassil ta' standards tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni interna taħt l-awspiċi tas-CCNR. Kumitat dedikat ikkostitwit mill-Istati Membri tal-UE u mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR), se jassoċja lill-Kummissjoni u se jkun miftuħ għall-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE), għall-Kummissjonijiet tax-Xmajjar, kif ukoll għall-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-imsieħba soċjali Ewropej. L-għan huwa li dan il-Kumitat isir kumitat

tekniku Ewropew ta' referenza għall-iżvilupp tal-istandards f'ċerti oqsma tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni. B'dan il-mod, għandu jieħu post il-gruppi varji eżistenti li bħalissa jittrattaw dawn l-oqsma, u jevita x-xogħol doppju u l-inkoerenza.

Fl-aħħar nett, l-uniformità sħiħa tal-istandards tista' tinkiseb bejn ir-reġimi legali tal-UE u r-Renu jekk, skont l-Arranġament Amministrattiv tat-22 ta' Mejju 2013, is-CCNR tadatta r-Regolament dwar l-Ispezzjoni ta' Bastimenti fuq ir-Renu b'tali mod li jippermetti dan ir-Regolament li jirreferi wkoll għall-istandards ta' dan il-Kumitat. Il-Kummissjonijiet tax-Xmajjar l-oħra kif ukoll l-UN/ECE huma mistiedna jissieħbu f'dan l-approċċ sabiex jaslu għal korp ta' standards koerenti bis-sħiħ f'ċerti oqsma tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Azzjonijiet speċifiċi sal-2016

2013: Proposta leġiżlattiva ġdida għal Direttiva li tissostitwixxi d-Direttiva 2006/87/KE u tippermetti li jiddaħħlu fis-seħħ standards uniformi (parti mill-Pakkett ta' NAIADES II)

6. FINANZJAMENT

L-implimentazzjoni ta' NAIADES II teħtieġ finanzjament għall-appoġġ tal-azzjonijiet ta' politika (azzjonijiet ta' koordinazzjoni, ta' governanza u dawk preparatorji), tar-riċerka u l-innovazzjoni, tal-infrastruttura u l-ekoloġizzazzjoni tal-flotta.

Fil-livell tal-UE, il-finanzjament se jiġi pprovdut permezz tal-faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility/CEF) għall-investimenti fl-infrastruttura, mill-Orizzont 2020 għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u bil-programmi tas-CEF u tal-Orizzont 2020 għall-appoġġ tal-azzjonijiet tal-politika ta' NAIADES II u għall-adozzjoni tal-innovazzjoni, inkluż għall-ekoloġizzazzjoni tal-flotta. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom fl-istrateġiji u l-proġetti tal-investment territorjali integrati, u għandhom jippjanaw għal appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Fondi ta' Koeżjoni. Fejn xieraq, se jiġi mħeġġeġ l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, partikolarment għat-tranżizzjoni għall-użu ta' LNG.

Se jitħejja dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-finanzjament ta' NAIADES, ladarba l-programmi tas-CEF u tal-Orizzont 2020 jiġu adottati u jkun sar aktar progress dwar l-ipprogrammar ta' dawn l-istrumenti.

7. KONKLUŻJONI

NAIADES II qed jintensifika l-ambizzjoni għas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni billi jiffoka fuq l-oqsma bl-akbar valur miżjud għat-tisħiħ tal-kontribut tan-navigazzjoni interna għall-politika tat-trasport tal-UE. Billi tingħata separazzjoni ċara bejn ir-responsabbiltajiet fil-livelli tal-UE u dawk internazzjonali, fil-livelli tal-Istati Membri u dawk reġjonali u tas-settur, il-governanza kumplessiva tista' tiġi mtejba. Fl-2017, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress miksub u se tistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni sostnuta ta' NAIADES II sal-2020. Il-preparazzjonijiet għal NAIADES II diġà bdew u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE li jappoġġjaw NAIADES II qed jiġu stabbiliti. Il-ħidma lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa bdiet.